## 27 ta' Novembru, 1991

**Imħallfin: –**

**S.T.O. Prof. Giuseppe Mifsud Bonnici LL.D. - President**
**Onor. Joseph A. Herrera Bl.Can., Lic.Can., LL.D.**
**Onor. Carmel A. Agius B.A., L.L.D.**

Il-Pulizija

*versus*

Victor Caruana, *et.*

**Kostituzzjoni – Konvenzjoni Ewropeja – Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem – Avukat – Assistenza minn – Smiegħ Xieraq – Raġuni Prattika – Proċeduri Kriminali – Difiża**

*Ir-rikorrenti kienu imputati quddiem il-Qorti tal-Maġistrati akkużati bil-kummissjoni ta' diversi reati. Huma lmentaw li d-dritt tagħhom għas-smiegħ xieraq ġie vjolat billi parti mill-proċeduri saru fl-assenza tad-difensuri tagħhom. Il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili sabet favur ir-rikorrenti. Il-Qorti Kostituzzjonali rrevokat u ċaħdet it-talbiet tagħhom.*

*Id-dritt li l-imputat jkun assistit mill-avukat tal-fiduċja huwa element essenzjali tad-dritt għas-smiegħ xieraq. Però dan id-dritt, kif anke artikolat fil-Kodiċi Kriminali, jrid jiġi applikat skond ir-raġuni prattika u retta. Fil-każ in eżami l-Qorti tal-Maġistrati kienet tat lid-difiża opportunità suffiċjenti biex tieħu sehem sħiħ fil-kawża.*

Il-Qorti: – Ikkunsidrat:

F'din il-kawża, din il-Qorti diġa ppronunzjat sentenza parzjali fl-20 ta' April, 1988 u f'dik is-sentenza hemm reġistrati l-fatti kollha rilevanti tal-każ;

L-intimati kienu ġew imħarrka quddiem il-Qorti tal-Maġistrati ta' Malta u akkużati illi fit-30 ta' Marzu 1986 f'Ta' Qali, waqt logħba "*football*" kisru l-paċi pubblika u għeddew diversi nies u kkaġunaw feriti ta' natura ħafifa fuq tnejn minn nies;

Dik il-Qorti tal-Maġistrati fil-11 ta' April, 1986 kienet ċaħdet talba tad-difiża biex tagħmel kontro-eżami ta' xhieda li kienu diġà, fl-istess ġurnata, xehdu quddiemha. Kienet tqanqlet kwistjoni kostituzzjonali mill-istess difiża u din ġiet riferita lill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, li fid-9 ta' Ġunju, 1986 – b'sentenza preliminari, ċaħdet talba ta' l-intimati (li kienet saret fit-13 ta' Mejju 1986) biex jinstemgħu diversi xhieda kif elenkati fil-verbal tas-seduta;

Din il-Qorti, imbagħad, kif intqal, wara appell minn dik is-sentenza preliminari, ikkonfermatha, fl-20 ta' April 1988;

Fit-18 ta' April 1991, l-imsemmija Qorti Ċivili, ippronunzjat is-sentenza konklussiva tagħha u qalet: –

"Illi din il-Qorti kif presjeduta, ġa kellha opprotunità tippronunzja ruħha dwar id-dritt li persuna akkużata b'reat kirminali għandha li, jekk hekk tkun trid, ikollha l-assistenza minn (recte ta') difensur **waqt l-istadji kollha tal-proċeduri** (Ara sentenza fil-kawża fl-ismijiet "Belin sive Benigno Saliba

vs Onor. Prim Ministru et'' – Rik. Kost. Nru. 292/90 deċiża fit-12 ta' Frar 1991);

Konfermement ma' dak li ntqal f'dik is-sentenza, il-Qorti terġa' ittenni illi s-smiegħ tal-kawża fl-assenza tad-difensur f'każijiet ta' din ix-xorta jammonta għal ksur ta' l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta. Sewwa għamel għalhekk il-maġistrat li ppresjeda f'dik is-seduta meta ordna li l-kawża tiġi posposta għaliex l-avukat difensur ma kienx deher, imma ħażin sar meta iżjed tard ġie ordnat illi s-smiegħ tal-kawża jsir fl-assenza ta' l-istess difensur. M'hemmx għalfejn wieħed isemmi illi l-qrati kollha ta' ġurisdizzjoni kriminali għandhom l-obbligu li jaraw li l-akkużat jew l-imputat, skond il-każ, ikollu difiża ġusta;

Dan li għadu kif intqal m'għandux mill-banda l-oħra jiftiehem illi l-prosegwiment tal-proċeduri kriminali għandu jibqa' dipendenti mill-aġir ta' l-avukat difensur; xejn affattu. Mill-liġi joħroġ x'jista' jsir meta, mingħajr ma tkun ingħatat raġuni tajba għall-assenza, id-difensur jonqos li jidher wara li jkun ġie msejjaħ. Jekk il-qrati japplikaw, kif għandhom japplikaw, id-disposizzjonijiet tal-liġi, jintlaħaq l-għan li, fil-waqt li l-akkużat ma jitħallix mingħajr difensur, il-kawża tkun tista' tibda jew tkompli miexja kif ikun ġa ordnat mill-Qorti;

Għal dawn il-motivi l-Qorti, fil-ħin li tiddikjara illi s-smiegħ tal-ħames xhieda msemmijin fil-verbal tal-11 ta' April, 1986, mill-Qorti tal-Maġistrati ta' Malta fil-kawża fl-ismijiet fuq indikati, jikkostitwixxi ksur tad-disposizzjoni ta' l-artikolu 39(6)(ċ)(d) tal-Kostituzzjoni ta' Malta, tordna li l-każ jerġa' jintbagħat lura lil dik il-Qorti sabiex is-smiegħ tal-kawża jitkompla kif trid il-liġi;''

Il-Kummissarju tal-Pulizija appella minn din is-sentenza u ssottometta żewġ aggravji: – (i) illi l-Qorti ma setetx tagħti sentenza fit-18 ta' April 1991 għaliex il-kawża kienet ilha żmien tiġi differita għall-provvediment u mhux għas-sentenza u (ii) fil-mertu, u fid-dawl tax-xiehda li ġabar l-Assistent Ġudizzjarju, ma kienx hemm ebda leżjoni tad-dritt kostituzzjonali nvokat mill-intimati;

(a) Fuq l-ewwel aggravju – jirriżulta illi wara li l-atti tal-kawża ġew mibgħuta lura mill-Qorti ta' l-ewwel grad minn din il-Qorti – wara s-sentenza tagħha ta' l-20 ta' April 1988, – dik l-Onorabbli Qorti fil-15 ta' Novembru, 1988 ordnat li kwalunkwe xhieda li l-intimati jkunu jridu jressqu (barra dawk esklużi fis-sentenza tagħha tad-9 ta' Ġunju 1986) jinstemgħu quddiem l-Assistent Ġudizzjarju f'seduta li għandha ssir fil-5 ta' Diċembru 1988 fl-10.30 a.m.;

F'dik id-data instema' Victor Caruana biss, u Dottor Joseph Brincat għall-intimati, talab lill-Assistent Ġudizzjarju li jirritorna l-proċess lill-Qorti għaliex il-provi tiegħu ma kinux ġew eżawriti;

Is-seduta li kellha ssir fit-12 ta' Diċembru 1988 ma saritx u l-kawża ġiet differita għas-17 ta' Mejju 1989;

F'din l-aħħar data, il-Qorti reġgħet bagħtet il-proċess quddiem l-Assistent Ġudizzjarju, biex ikompli jisma' l-provi;

Matul is-sajf inġabru xi provi u fl-10 ta' Awwissu 1989, il-Qorti laqgħet talba tal-Kummissarju biex issir seduta oħra mill-Assistent Ġudizzjarju biex (a) isir il-kontro-eżami ta' l-avukat dottor Joseph Brincat u (b) biex jinstemgħu l-Assistent Kummissarju George Grech u l-ispettur prosekutur;

Il-Qorti kkonċediet l-ewwel talba u rriservat li tipprovdi fuq it-tieni waħda meta jkollha għad-disposizzjoni tagħha t-traskrizzjoni kollha tax-xiehda li kienu nstemgħu;

Fis-seduta tat-**30 ta' Novembru, 1989,** billi l-kontro-eżami ta' l-avukat Brincat ma kienx għadu sar, il-Qorti ordnat lill-istess avukat biex jidher għall-kontro-eżami fis-seduta tal-15 ta' Diċembru, 1989 f'nofsinhar, quddiem l-Assistent Ġudizzjarju;

Reġa' ma sar xejn, u għalhekk fil-**11 ta' Jannar 1990** il-Qorti, issospendiet l-inkarigu ta' l-Assistent Ġudizzjarju u ordnat lill-Kummissarju biex iħarrek bħala xhud lill-avukat Brincat għas-seduta tal-25 ta' Jannar 1990 fid-9.15 a.m.;

Wara li xehed Dr Brincat, fis-seduta tat-22 ta' Frar 1990 imbagħad, il-Qorti ddifferit il-kawża għat-**22 ta' Marzu 1990 għall-provvediment.** F'din id-data sar differiment għad-**19 ta' April 1990,** bl-istess skop, kif ukoll f'din id-data, għas-seduta tas-**26 ta' April, 1990;**

Din l-aħħar seduta ma saritx minħabba ndispożizzjoni ta' l-Onorevoli Imħallef u mbagħad fis-**17 ta' Mejju 1990**, għalkemm is-seduta ma saritx għaliex il-Qorti kienet okkupata b'xogħol ieħor ta' natura urġenti, il-kawża ġiet differita għat-28 ta' Ġunju 1990 – **għas-sentenza;**

F'din id-data ġie reġistrat illi:

"Peress li l-Qorti għandha bżonn ta' iżjed żmien **għall-provvediment** il-kawża hija differita għas-27 ta' Lulju 1990, **għall-provvediment** in difett ta' ostakolu;"

Kien hemm sussegwentement differimenti oħra fejn issemma l-provvediement li kellu jingħata – fis-16 ta' Awissu 1990, fil-11 ta' Ottubru 1990, fl-11 ta' Jannar 1991 u fis-17 ta' Jannar 1991;

Dan il-provvediment ma ngħatax; it-talba għall-produzzjoni tax-xhieda mill-Kummissarju tal-Pulizija baqgħet pendenti, u għalhekk l-ewwel aggravju ta' dan l-appell jirriżulta ġustifikat.

Minn eżami tas-sentenza appellata però jidher illi la x-xhieda li nstemgħu quddiem l-Assistent Ġudizzjarju u l-anqas provi oħra ma ġew imsemmija bħala rilevanti jew li nċidew deċiżivament fuq id-deċiżjoni u għalhekk ix-xhieda li ried il-Kummissarju biex jikkuntrabattu dak li xehdu, Caruana, Vassallo u l-istess dottor Brincat, tista' daqstant ieħor tiġi kunsidrata rrilevanti għall-iskopijiet tad-deċiżjoni issa appellata;

(b) propju ġimgħa qabel is-sentenza appellata – fl-10 ta' April 1991 – din il-Qorti kellha l-okkażjoni w ppronunzjat ruħha fuq il-kwistjoni nvoluta f'din il-kawża – u dan proprju fid-deċiżjoni il-Pulizija vs Belin sive Benigno Saliba – Rif. Kost. 292/90. Fis-sentenza appellata hemm riferenża għad-deċiżjoni f'dik il-kawża, mogħtija fl-ewwel grad, imma sfortunatament m'hemmx riferenza għal dak li ddeċidit din il-Qorti fuq l-appell mis-sentenza ta' l-ewwel grad;

Issa f'dik is-sentenza din il-Qorti qalet illi l-artikolu 39(6)(ċ) jippreskrivi li:

"Kull min ikun akkużat b'reat kriminali: – .... għandu jitħalla jiddefendi ruħu personalment jew permezz ta' rappreżentant legali." U li din in-norma fundamentali, fir-rejaltà

tassikura l-minimu tad-dritt ta' difiża ta' l-imputat jew akkużat u li l-istess dritt huwa aktar artikolat u dettaljat fis-sbatax (17) l-artikolu li s-sentenza ta' l-ewwel grad, f'dik il-kawża, kienet identifikat fil-Kodiċi Kriminali li jassikuraw l-eżerċizju u r-rispett ta' dak id-dritt fundamentali;

Intqal ukoll fis-sentenza ta' din il-Qorti li għalhekk il-ġudikanti tal-Qorti Tagħna ta' kompetenza penali, gwidati mill-prinċipju fundamentali tal-Kostituzzjoni kif dan, minn żmien twil kien dejjem artikolat fil-Kodiċi Kriminali, għandhom f'kull każ, japplikaw l-istess skond ir-raġuni prattika u retta – dak li l-ingliżi jsejjħu *right practical reasonableness;*

Il-fatti li hemm lament fuqhom f'din il-kawża kienu dawn:

L-intimati ġew imressqa quddiem il-Qorti tal-Maġistrati ta' Malta biex jirrispondu għall-imputazzjoni ta' ksur tal-paċi pubblika, theddid u li kkaġunaw feriti gravi. Dan fit-2 ta' April 1986;

Fl-4 ta' April 1986, il-kawża ġiet appuntata għall-ħdax (11) ta' April 1986 fid-9 a.m. għat-trattazzjoni;

Meta ssejħet il-kawża dehru l-imputati imma l-avukat dottor Joseph Brinccat – l-avukat ta' fiduċja ta' l-imputati – ma dehrx, għalkemm imsejjaħ tlett darbiet. Il-Qorti pposponiet il-kawża biex l-imputati jkollhom preżenti fl-Awla d-difensur tagħhom;

Wara ftit taż-żmien il-kawża reġgħet issejħet, dehru l-impuati, reġa' ssejjaħ l-avukat tagħhom u dan reġa' ma dehrx. Għat-tieni darba, il-Qorti pposponiet il-kawża biex tagħti

opportunità lill-avukat li jiġi;

Ftit żmien wara, il-kawża reġgħet issejħet u għalkemm l-avukat reġa' ssejjaħ - baqa' ma dehrx u din id-darba l-Qorti ordnat il-Prosekuzzjoni biex tipproċedi bil-provi;

Waqt li kien qed jinstema' l-ħames xhud – daħal fl-awla l-avukat dottor Joseph Brincat, għamel xi mistoqsijiet u talab lill-Qorti biex terġa' ssejjaħ ix-xhieda kollha preċedenti biex jixhdu fil-preżenza tiegħu. Il-Qorti ċaħdet din it-talba u meta l-istess avukat issottometta li dan huwa kontra d-drittijiet tad-difiża l-Qorti rribadiet illi l-kawża kienet ġiet posposta darbtejn proprju biex l-imputati jkollhom l-opportunità sabiex jipprovdu għad-difiża tagħhom;

Dawn il-fatti jirriżultaw mill-verbal reġistrat fis-seduta;

Issa huwa sfortunatament fatt illi l-kawżi kollha quddiem il-Qrati Tagħna – ħlief għal xi eċċezzjonijiet – jiġu appuntati għad-disgħa ta' fil-għodu (9 a.m.). L-intimati jikkontendu illi minħabba dan il-fatt l-avukat tagħhom – okkupat f'xogħol ieħor – ma setax jidher f'kull qorti fl-istess ħin tad-9 a.m.;

Din il-Qorti kif presjeduta mhux biss minn dejjem ħasset li l-prattika li l-kawżi kollha, fil-Qrati kollha, jiġu appuntati għall-istess ħin, cjoè id-disgħa ta' fil-għodu – 9.00 a.m. hija nkonvenjenti w anki rraġonevoli, imma wkoll qed tagħmel mill-aħjar li tista' biex tappunta l-kawżi għal quddiemha għalħinijiet skandaljati matul in-nofs ta' nhar ta' fil-għodu. B'danakollu din ir-raġuni waħeda, mhux speċifikata b'mod inċiżiv u deċiżiv – kif kellhom jagħmlu l-intimati fir-rikors – mhux biżżejjed u ċertament ma tikkwalifikax bħala leżjoni tad-dritt fundamentali nvokat;

Il-Qorti tirrikonoxxi illi din il-prattika hija minnha nfisha, riskjuża u tista', **f'ċirkostanzi kongruwi** twassal għal konsegwenzi ġuridiċi serji, imma m'hemm xejn minn dan fil-fattispeċje tal-każ *de quo agimur*. Difatti l-avukat Brincat xehed hekk: –

"Lill-imputati jiena għidtilhom (presumibbilment din il-kelma hija 'ħallejthom') ħdejn l-awla, filwaqt li wieħed minn sħabhom kellu jiġi jfittixni peress li jiena ma stajtx noqgħod nistenna bil-lista kif kien qed jagħmel il-maġistrat u taħdem fl-awla tiegħu biss;"

L-avukat Brincat – aktar tard – jgħid illi l-maġistrat sejjaħ il-kawża ta' l-imputati qabel kawżi oħra li kienu enumerati fuq il-"lista" qabilha u b'hekk huwa, li kien ikkalkola x'ħin, bejn wieħed u ieħor għandu jkun hemm, meta ssejħet qabel, ma kienx hemm;

U jkompli l-avukat Brincat:

"…. bdejt ripetutament immur fl-Awla nistaqsi lill-pulizija li jkun qed jgħajjat wara l-bieb, f'liema numru wasal ħalli sadanittant nagħmel xogħol ieħor għax ma nistax noqgħod – l-ebda avukat ma jista' joqgħod – bħal taxi driver fil-venda wieħed wara l-ieħor għal Qorti waħda biss;"

Din il-Qorti tissimpatizza vivament ma' dawn il-lamenti ta' l-avukat difensur, u kif intqal din il-proċedura li ormai hija tradizzjonali fil-qrati, hija disordinata, frustranti u fuq kollox – kif intqal – hija riskjuża – u alejatorja għall-aħħar billi issegwi itinerarju ta' proċediment li jirrażenta l-preċipizzju ta' l-inġustizzja proċedurali. Ħafna drabi dan il-proċediment jiżloq,

imma ma jippreċipitax, u għalhekk, b'xi mod, wara ż-żelqa jerġa' jkun hemm qawmien, it-triq it-tajba terġa' tinqabad u kollox jiġi salvat. Imma r-riskji qegħdin hemm. Dan huwa gravi, u l-ġudikanti għandhom jirriflettu serjament u jaraw li għandhom l-obbligu li dak kollu li huwa proċeduralment alejatorju jiġi evitat;

**Fil-każ preżenti,** il-Qorti tal-Maġistrati tat lid-difiża aktar minn opportunità waħda biex tieħu sehem sħiħ fil-kawża – kif jobbliga prinċipju kardinali tal-ġustizzja u l-ġudikant ma naqasx li jimxi skond ir-raġuni prattika u retta li ċ-ċirkustanzi jitolbu u jimponu. Dan jirriżulta ċar mill-provi u speċjalment mill-verbal u t-testimonjanza kwotata. Il-Qorti b'ebda mod ma pprivat il-jedd għad-difiża ta' l-imputati u għall-iskop ipproponiet it-trattazzjoni għal **darbtejn.** Li ma sarx il-kontro-eżami ta' xhieda, li suppost kienu għadhom fil-Qorti meta saret it-talba tad-difensur għal daqshekk hija kwistjoni li ma ġietx ventilata sewwa kif imiss, jew almenu, ma tirriżultax, u għalhekk din il-Qorti ma tistax tippronunzja ruħha fuqha u għandha tiġi regolata skond il-proċedura penali fil-prudenza ġusta tal-ġudikant;

Għal dawn ir-raġunijiet din il-Qorti qed tirrevoka s-sentenza appellata u tiċħad it-talbiet tar-rikorrenti. Bl-ispejjeż kontra tagħhom.